MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 49/2008

Saviour **SPITERI**, Nicholas Spiteri; u b'degriet tal-24 ta' Novembru, 2010, l-atti tal-kawża għaddew f'isem Mary Spiteri, Anthony Spiteri, Marija Spiteri, Nicholas Spiteri, Anna Spiteri u Carmelo Spiteri minħabba l-mewt tal-attur Salvatore Spiteri fil-mori tal-kawża

vs

**IL-KORPORAZZJONI ENEMALTA** u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fit-8 ta' Ottubru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li din

il-Qorti (1) tiddikjara li l-qtugħ ta’ l-provvista tad-dawl elettriku għall-kumpless ta’ fondi proprjeta’ tagħhom f’“*Holy Family*”, Triq tal-Barrani, ż-Żejtun min-naħa tal-Korporazzjoni intimata (aktar ’il quddiem imsejħa “Enemalta”) sar bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-istess rikorrenti kif imħarsa bl-artikoli 36(1), 37(1), 38(1), 39(2) u 45(1) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u kif ukoll tal-jeddijiet tagħhom taħt l-artikoli 6, 8, 14 u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”); u (2) tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha meħtieġa u xierqa biex jitħarsu l-jeddijiet tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fl-20 ta’ Ottubru, 2008, li biha laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b’mod preliminari, qal li hu ma kienx messu tħarrek f’din il-kawża għaliex m’huwiex il-kontradittur leġittimu biex jikkontesta t-talbiet tal-atturi; u li ladarba r-rikorrenti ma fittxewx ir-rimedji ordinarji disponibbli lilhom, din il-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma’ l-kawża, skond ma jrid il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni. Fil-mertu, laqa’ billi qal li, b’dak li sar, ir-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur ta’ xi jeddijiet fundamentali tagħhom;

Rat it-Tweġiba mressqa minn Enemalta fl-20 ta’ Ottubru, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni tar-rikorrenti billi wkoll qanqlet il-kwestjoni preliminari li l-istess rikorrenti naqsu li jieħdu r-rimedji ordinarji, senjatament dawk maħsuba fil-paragrafu 1.3 tar-Raba’ Skeda tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap 387) li jitkellem dwar “*Tilwimiet marbuta mas-servizzi ta’ l-elettriku u ta’ l-ilma*”. Żiedet tisħaq li r-rikorrenti jridu jippruvaw li huma tassew sidien tal-ġid milqut bl-azzjoni tagħha. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li kien minħabba li r-rikorrenti nfushom nqdew b’sistema ta’ kif jestendu l-provvista tal-elettriku fl-ambjenti tal-imsemmi kumpless bi ksur tar-Regolamenti għall-Provvista ta’ l-Elettriku li wassluha biex tieħu l-passi biex taqta’ l-provvista. Ċaħdet

li hija mxiet mod ieħor ma' ħaddieħor fl-istess ċirkostanzi, u qalet li hija tat suġġerimenti lir-rikorrenti biex jinqdew b'modi oħrajn kif iwasslu l-provvista tal-elettriku fi ħwejjiġhom, imma huma webbsu rashom u ma laqgħux dawk is-suġġerimenti. Warrbet ukoll l-allegazzjoni li l-qtugħ tal-provvista tal-elettriku qed jikser il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Novembru, 2008[1], li bih ordnat it-tibdil fl-ewwel talba attriċi billi titneħħa kull riferenza għall-artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-23 ta' Lulju, 2009[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali u l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Enemalta;

Semgħet ix-xhieda tal-avukati tal-partijiet u rat il-provi dokumentali mressqa minnhom;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2012[3], li bih ċaħdet talba tar-rikorrenti biex jitħallew iressqu provi dokumentali ġodda wara li l-intimati kienu ddikjaraw li għalqu l-provi tagħhom, u li bih awtorizzat lill-partijiet iressqu sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fl-4 ta' Ottubru, 2012[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat Avukat Ġenerali fl-1 ta' Novembru, 2012[5];

[1] Paġ. 16 tal-proċess
[2] Paġġ. 20 – 8 tal-proċess
[3] Paġ. 197 tal-proċess
[4] Paġġ. 200 – 6 tal-proċess
[5] Paġġ. 208 sa 234 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimata Enemalta fl-4 ta' Diċembru, 2012[6];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li ġarrbu ksur ta' bosta jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħarsin bil-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, meta f'Awissu tal-2006, Enemalta qatgħet il-provvista tad-dawl elettriku fi proprjeta' tagħhom, f'ċirkostanzi li r-rikorrenti jqisuhom bħala arbitrarji. Minħabba f'hekk, qegħdin jgħidu li l-imġiba ta' Enemalta twassal għal piena jew trattament inuman, teħid forzat tal-proprjeta' jew tfixkil tat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom, ksur tal-protezzjoni tal-intimita' ta' darhom jew ta' ħwejjiġhom, u ksur ta' smigħ xieraq. Dan kollu jabbinawh ma' trattament diskriminatorju;

Illi l-intimat Avukat Ġenerali jilqa' għall-azzjoni attriċi billi jgħid li ma messux tħarrek f'din il-kawża u li m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-istess azzjoni. Min-naħa l-oħra, ż-żewġ intimati jilqgħu għal din l-azzjoni billi jiċħdu li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom. Jisħqu li dak li ġralhom ir-rikorrenti ġabuh b'idejhom stess meta ippruvaw iwettqu xogħol dwar l-estensjoni tal-provvista tal-elettriku bi ksur tar-regolamenti fis-seħħ. Jgħidu li l-qtugħ tal-provvista ta' servizz ma tikkostitwix trattament degradanti, u lanqas huwa t-teħid ta' ġid tar-rikorrenti. Il-qagħda ta' sospensjoni tas-servizz

6 Paġġ. 236 sa 240 tal-proċess

hija f'idejn l-istess rikorrenti, sakemm jibqgħu jwebbsu rashom u ma jirregolarizzawx il-pożizzjoni tagħhom. Jiċħdu wkoll li huma mxew mar-rikorrenti b'mod differenti minn kif jimxu ma' ħaddieħor fil-qagħda tagħhom;

Illi b'sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju, 2009, din il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari dwar jekk għandhiex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat "kostituzzjonali" jew "konvenzjonali" tagħha għar-raġuni li r-rikorrenti kellhom u messhom ħadu dawk ir-rimedji "ordinarji" qabel fetħu din il-kawża;

Illi bħala <u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li r-rikorrrenti huma fil-pussess tal-fond bl-isem ta' "*Holy Family*", li jinsab fi Triq tal-Barrani, fiż-Żejtun, liema fond jikkonsisti f'numru ta' stabili li ma jintużawx kollha bħala fond domestiku[7]. Il-post kien mogħti servizz ta' elettriku "*three-phase*" sa mill-1993[8] bil-ħsieb li jintuża bħala stabiliment kummerċjali. Aktar 'il quddiem, f'dak il-garaxx ir-rikorrent Nicholas Spiteri kien iwettaq attivita' kummerċjali ta' manufattura ta' sinjali kummerċjali[9]. Kien mogħti wkoll tliet (3) servizzi "*single phase*" fil-biċċa tal-post li kien jintuża bħala r-razzett fejn għamlet żmien tgħix il-familja tar-rikorrenti u kif ukoll f'inħawi oħrajn[10]. Ir-rikorrent Nicholas Spiteri għadu jgħix fil-post sallum[11]. Billi l-post magħmul minn aktar minn binja waħda[12], kien sar xogħol li bih is-servizz tad-dawl mogħti fl-imsemmija remissa ttawwal ukoll għal binja oħra (waħda mir-remissi li kienet tintuża għal attivita' kummerċjali) li jinqdew biha r-rikorrenti. Iż-żewġ binjiet la jmissu ma' xulxin u lanqas jinfdu u hemm bħal wesgħa li tifraqhom. Fl-istess proprjeta' hemm linja tad-dawl pubblika tal-mixegħla tat-toroq[13] b'*recess box* għaliha[14]. Ir-rikorrenti jgħidu li ma kenitx tixgħel;

---

[7] Ara Dok "JF1", f'paġ. 50 tal-proċess
[8] Dok "CFS1", f'paġġ. 172 – 182 tal-proċess
[9] Affidavit tiegħu 23.3.2011, f'paġ. 87 tal-proċess
[10] Xhieda ta' Peter Grima 28.6.2011, f'paġġ. 121 – 2 tal-proċess
[11] Xhieda tiegħu 19.4.2012, f'paġ. 183 tal-proċess
[12] Ara Dok "B" f'paġ. 94 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Ġorġ Portelli 27.10.2011, f'paġ. 129 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Joseph Formosa 15.2.2012, f'paġ. 160 tal-proċess

Illi fid-29 ta' Marzu tal-2006[15] u kif ukoll b'ittra mibgħuta lil Enemalta fil-15 ta' Ġunju, 2006[16], tressaq ilment minn persuna dwar gumna ("*cable*") tal-elettriku li kienet taqsam min-naħa ta' quddiem tal-fond tar-rikorrenti għal ġo fond ieħor. Fit-23 ta' Ġunju, 2006[17]u fl-4 ta' Lulju[18], Enemalta wieġbet lill-avukat li bagħat dik l-ittra biex tgħarrfu li kienet sejra tistħarreġ l-ilment;

Illi uffiċjali tal-Enemalta stħarrġu l-ilment u għal darbtejn tkellmu ma' persuna li qaltilhom li hija sid il-post biex iwissuha tneħħi l-"*extension*" li kienet saret għaliex kienet kontra r-regolamenti u wissewha wkoll li l-provvista kienet tinqata' jekk kemm-il darba dan ma jsirx. Jirriżulta li l-imsemmija uffiċjali kienu tkellmu mar-rikorrent Nicholas Spiteri. Ir-rikorrent kien mar jitkellem ma' xiħadd fl-amministrazzjoni (taqsima tal-konsumaturi) tal-Enemalta;

Illi fit-3 ta' Awissu, 2006, uffiċjali ta' Enemalta marru fuq il-post, fil-kumpannija ta' uffiċjali tal-Pulizija, u qatgħu l-provvista tal-elettriku għall-istess post kummerċjali. Il-provvista tal-elettriku fil-parti residenzjali – li kienet mogħtija mis-sistema "*single phase*" – ma nqatgħetx. Minkejja dan, ir-rikorrenti kien ikollhom problemi minħabba l-arbli u l-gumni li jwasslu d-dawl sa dik il-parti ta' ħwejjiġhom[19];

Illi r-rikorrenti kienu ressqu lmenti mal-Enemalta li għarrfithom li, qabel ma tkun f'qagħda li terġa' tagħtihom is-servizz tat-"*three phase*", riedu jneħħu l-estensjoni li saret skond ma jitolbu r-Regolamenti fis-seħħ[20]. Ir-rikorrenti kienu ressqu l-każ tagħhom quddiem l-Ombudsman ukoll;

[15] Dok f'paġ. 195 tal-proċess
[16] Dok f'paġ. 196 tal-proċess
[17] Dok "DD5", f'paġ. 116 tal-proċess
[18] Dok "DD4", f'paġ. 115 tal-proċess
[19] Dokti "F" sa "Ħ", f'paġġ. 104 – 9 tal-proċess
[20] Xhieda tar-rikorrent Nicholas Spiteri 19.4.2012, f'paġ. 192 tal-proċess

Illi l-kawża nfetħet f'Ottubru tal-2008;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jidher li jkun xieraq li l-istħarriġ tal-ilmenti mressqa mir-rikorrenti jsir wara li l-Qorti tqis l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali;

Illi bl-imsemmija **eċċezzjoni preliminari** l-intimat Avukat Ġenerali jgħid li m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-ilmenti tar-rikorrenti għaliex hu ma kellu x'jaqsam xejn u la mal-ġrajjiet li wasslu għall-qtugħ tal-provvista tal-elettriku fil-post tal-istess rikorrenti u lanqas mal-ħsara mġarrba jew mar-rimedji mitluba mir-rikorrenti;

Illi, fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-intimat Avukat Ġenerali saħaq li ma kellu l-ebda sehem f'dak li ġara u li minnu wassal lir-rikorrenti jiftħu din il-kawża. Minbarra dan, irrefera għal konsiderazzjonijiet li saru mill-qrati dwar il-kwestjoni tal-leġittimu kontradittur f'azzjonijiet dwar ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali u, b'mod partikolari dwar l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni f'dan ir-rigward fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom. Kien biss waqt it-trattazzjoni ulterjuri bil-fomm li saret f'egħluq is-smigħ li l-għaref difensur tagħhom mess din il-kwestjoni. Huwa qal li l-Avukat Ġenerali huwa postu fil-kawża minħabba li, minkejja li l-Ombudsman deher li kien jaqbel mal-pożizzjoni tar-rikorrenti, baqa' ma tax ir-rimedju u għaldaqstant l-Avukat Ġenerali għandu jwieġeb għal tali nuqqas. Il-Qorti tgħid minnufih li din ir-raġuni mhijiex tajba: imqar jekk wieħed jara li la fir-rikors promotur ma jissemma xi nuqqas min-naħa tal-Ombudsman, u wisq anqas f'kull waqt tat-tressiq tal-provi ma ntwera li dik il-persuna kienet ħtiet għal dak li sabu rwieħhom fih ir-rikorrenti;

Illi din il-Qorti kellha bosta okkażjonijiet fejn stħarrġet din il-kwestjoni u ma tqisx li għandha għalfejn terġa' ttenni l-fehmiet tagħha billi sallum ma jidhirx li hemm raġunijiet għalfejn għandha titbiegħed minnhom. Fil-każ tal-lum, madankollu, wieħed irid jara jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B msemmi jgħoddux ukoll fejn il-parti intimata ma tkunx Dipartiment tal-Gvern, iżda korp legali statutorju, bħalma hija l-intimata Enemalta;

Illi l-Enemalta ma qanqlitx l-eċċezzjoni li ma kenitx azzjonabbli dwar l-ilmenti tar-rikorrenti u din il-Qorti m'hijiex sejra tiddibatti dan l-istat ta' fatt proċedurali. Għall-kuntrarju, sejra tibni fuqu u ssib li ladarba l-Enemalta qieset lilha nnifisha bħala l-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti u laqgħet għalihom, dan jitfa' dawl fuq il-ħtieġa li l-intimat Avukat Ġenerali jkun parti fil-kawża;

Illi mill-provi mressqa u mix-xhieda mogħtija ħareġ ukoll li l-intimat Avukat Ġenerali la ntalab u lanqas ta pariri lill-Enemalta dwar il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku lill-post[21] tar-rikorrenti jew fil-proċess innifsu tal-qtugħ tal-imsemmija provvista[22], la ta u lanqas intalab jagħti pariri wara l-imsemmi qtugħ tal-provvista[23] u lanqas qiegħed jintalab li jagħti lill-istess rikorrenti xi rimedju jew aktar biex jindirizza l-ilment tagħhom. Kif sewwa ssottometta l-istess intimat Avukat Ġenerali, lanqas ir-rikorrenti ma jilmintaw li huma ġarrbu xi ħsara bi ħtija tiegħu jew ta' xi egħmil jew omissjoni tiegħu. Fuq kollox, fl-ebda parti tal-kawża ma tressaq l-ilment dwar l-inkostituzzjonalita' ta' xi liġi jew ta' xi dispożizzjoni oħra b'saħħa ta' liġi;

Illi meta l-Qorti qieset id-dispożizzjonijiet tal-liġi[24] u wkoll in-natura tal-proċeduri li dwarhom saret din il-kawża, hija tasal għall-fehma li l-Enemalta għandha l-attributi kollha

---

[21] Xhieda ta' Eric Montfort 3.6.2010, f'paġ. 59 tal-proċess
[22] Xhieda tas-Surġent Maġġur Joseph Cremona 18.2.2010, f'paġ. 46 tal-proċess
[23] Xhieda ta' Joseph Formosa u Peter Grima 15.2.2012, f'paġġ. 160 u 168 tal-proċess
[24] Ara, per eżempju, l-*proviso* tal-art 466(1) tal-Kap 12 u l-artt. 3, 25 u 27 tal-Att XVI tal-1977 (Kap 272)

tal-funzjoni tal-Istat fit-taqsima partikolari tas-setgħat mogħtijin lilha bil-liġi li taħtha twaqqfet u li dawn l-attributi jagħmluha kapaċi li toqgħod f'ġudizzju f'dik il-kwalita', wkoll fejn l-azzjoni kontriha tkun waħda ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali[25];

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali hija tajba u sejra tilqagħha billi teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Illi f'dak li jirrigwarda l-**ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu** l-Qorti tagħraf li l-egħmil waħdani li wassal għall-azzjoni tagħhom kien il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku. Dwar dan l-egħmil, huma jisiltu lment ta' ksur ta' ħames (5) jeddijiet fundamentali, u jiġifieri (i) il-jedd għall-ħarsien minn trattament inuman (art. 36 tal-Kostituzzjoni); (ii) il-jedd ta' ħarsien minn ċaħda ta' proprjeta' bla kumpens xieraq (art. 37 tal-Kostituzzjoni) u għat-tgawdija bil-kwiet tal-pussess tal-proprjeta' (art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni); (iii) il-jedd tal-ħarsien għall-intimita' tad-dar jew ta' ġid ieħor (art. 38 tal-Kostituzzjoni u l-art. 8 tal-Konvenzjoni); (iv) il-jedd għal smigħ xieraq (art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni); u (v) il-jedd li persuna ma ssirx diskriminazzjoni magħha (art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni);

Illi l-Qorti tinnota li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti naqsu li jgħidu kif l-għamil ta' Enemalta wassal għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali minnhom imsemmija. Sar biss kumment dwar trattament differenti li ngħata ħaddieħor u kumment ieħor dwar in-nuqqas ta' twissija formali minn qabel li l-provvista kienet sejra tinqata' u li b'hekk ċaħħdithom milli jkunu ressqu l-ilment tagħhom quddiem tribunal imparzjali. Il-biċċa l-kbira mis-sottomissjonijiet kienet iffokata dwar l-arbitrarjeta' tal-mod kif l-Enemalta mxiet mar-rikorrenti meta qatgħetha li taqta' l-provvista tal-elettriku, mal-kwestjoni ta' min hu sid l-ambjenti milquta b'dik id-deċiżjoni u mill-ġrajja li seħħew wara l-qtugħ tal-provvista. Din iċ-ċirkostanza semmewha

[25] Ara, b'mod ġenerali, Kost. **9.10.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Buttiġieġ vs Mizzi noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.119**)

wkoll, b'raġun, l-intimati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[26];

Illi, minkejja dan, il-Qorti sejra tqis wieħed wieħed l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li r-rikorrenti jilmentaw li ġarrbu l-ksur tagħhom;

Illi dwar il-jedd għall-ħarsien minn trattament inuman jew degradanti tajjeb jingħad li r-rikorrenti jistrieħu biss fuq l-artikolu relattiv tal-Kostituzzjoni (l-artikolu 36) li jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*";

Illi l-imsemmi artikolu jixxiebah ħafna fil-binja u fit-tifsira tiegħu ma' l-artikolu korrispondenti (artikolu 3) tal-Konvenzjoni;

Illi bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[27] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[28], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[29];

Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies

[26] §§ 44 – 7 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 216 tal-proċess
[27] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention of Human Rights, paġġ. 80 - 1
[28] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[29] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575

bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-egħmil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[30], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[31];

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[32], jeħtieġ ċertu grad ta' gravita'"[33]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[34];

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravita'[35] li jitkejjel fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[36];

Illi r-rikorrenti naqsu li juru kif il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku f'banda waħda minn ħwejjiġhom tista' titqies bħala trattament inuman jew degradanti. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li tali qtugħ ħalaq xi skumdita' jekk mhux ukoll waqfien ta' attivita' kummerċjali li r-rikorrent Nicholas Spiteri kien iwettaq fil-fond li kien provdut mis-servizz tal-elettriku li nqata'. Iżda dan lanqas jista' jixxebbah ma' dawk iċ-ċirkostanzi li l-qrati sabu li tassew jiksru l-artikolu rilevanti tal-Kostituzzjoni. Il-proċess

[30] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[31] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)
[32] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[33] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[34] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[35] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[36] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

tal-qtugħ tal-provvista tal-elettriku ma nvolva bl-ebda mod it-tħaddim ta' forza fiżika jew morali fuq l-ebda wieħed mir-rikorrenti u lanqas ġab miegħu xi swat, korriment jew drib tagħhom. Il-preżenza tal-Pulizija hu u għaddej il-proċess tal-qtugħ tal-provvista ma jidhirx lanqas li nissel twerwir jew biżgħa, iżda, għall-kuntrarju, serva biex inżammet il-bonordni. Minbarra dan, ir-rikorrenti naqsu li juru li l-qtugħ tal-provvista tal-elettriku kienet motivata mill-fehma pożittiva li tumilja jew baxxi lir-rikorrenti, jew lil min minnhom, ukoll jekk in-nuqqas ta' fehma pożittiva bħal din mhux tabilfors telimina l-possibilta' ta' ksur tal-jedd fundamentali hekk imħares;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti naqsu li juru li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li ma jkunux suġġetti għal trattament degradanti u għalhekk l-ilment tagħhom safejn mibni fuq din il-kawżali m'huwiex sejjer jintlaqa';

Illi dwar il-<u>jedd għall-ħarsien minn ċaħda ta' proprjeta' bla kumpens u għat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti</u> r-rikorrenti joqogħdu kemm fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Tal-ewwel jipprovdi (fil-partijiet rilevanti għal dan il-każ) li "*(1) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist – (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq; (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjeta' u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta. ....*";

Illi tat-tieni jipprovdi li "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-*

*possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-egħmil li minnu jilmintaw ir-rikorrenti ma ħa xejn mill-ġid tagħhom. L-egħmil tal-Enemalta kien jikkonsisti fil-qtugħ tal-provvista tal-elettriku f'parti mill-post tar-rikorrenti. Jiġifieri, l-ilment tar-rikorrenti jirreferi għal twaqqif ta' servizz pubbliku li jista' jolqot il-mod kif ir-rikorrenti jinqdew bi ħwejjiġhom;

Illi l-Qorti taqbel mal-intimati li l-għoti ta' servizz minn entita' pubblika ma jnissilx jedd ta' proprjeta' fl-abbonat jew benefiċjarju ta' servizz bħal dak. Minbarra dan, l-għoti ta' servizz bħal dak isir taħt kundizzjonijiet li jridu jitħarsu u li jistgħu jkunu determinati jew stabiliti b'liġi jew bi strument legali b'saħħa ta' liġi. Fil-każ tal-provvista ta' servizzi bħalma huma l-elettriku u l-ilma, dawn jingħataw fuq bażi kuntrattwali b'rabtiet kemm fuq min jipprovdihom u wkoll fuq min jabbona għalihom. Il-ksur ta' xi rabta minn xi waħda mill-partijiet tnissel fil-parti l-oħra l-jedd għal rimedju, magħdud il-ħlas ta' kumpens jew penali;

Illi l-Qorti għalhekk tqis li l-ilment tar-rikorrenti jrid jitqies safejn il-qtugħ tal-provvista tal-elettriku setgħet laqtet it-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom. Irid jerġa' jingħad li l-Enemalta ma qatgħetx il-provvista tal-elettriku tal-bnadi kollha tal-post tar-rikorrenti, iżda biss tar-remissa li fiha kien hemm stallat il-*meter* tat-"*three-phase*" u r-remissa l-oħra li d-dawl fiha kien twassal mill-fergħa ("*extension*") li r-rikorrenti għamlu mill-ewwel remissa. Kien sewwasew minħabba din il-fergħa li l-Enemalta, fuq ilment minn terzi, talbet lir-rikorrenti biex ineħħu l-fergħa "abbużiva" biex ma jkunx meħtieġ li jittieħed il-provvediment tal-qtugħ tal-provvista;

Illi l-provvedimenti tal-artiklu tal-Kostituzzjoni jidher li jitkellmu dwar it-**teħid** ta' pussess b'mod obbligatorju u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess. Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjeta' jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għamil tal-istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt tad-dgawdija paċifika tal-istess proprjeta' bħala rifless ta' għamil bħal dak[37]. Minbarra dan, ikun seħħ ksur tal-artikolu 37 jekk kemm-il darba t-teħid tal-pussess ma jkunx akkumpanjat bi ħlas ta' kumpens xieraq u jekk dak it-teħid ma jkunx imħares b'liġi u l-persuna li tippretendi kumpens għal teħid bħal dak ma jkollhiex rimedju quddiem qorti, ukoll b'jedd ta' appell;

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu relattiv tal-Konvenzjoni jidher li jagħti firxa usa' ta' ħarsien, billi jirreferi għal "pussess" u mhux tabilfors għal "proprjeta'" u billi wkoll jaqbad fih indħil fit-tgawdija ta' possedimenti u mhux biss it-teħid tagħhom mingħand min ikun qed igawdihom. L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[38] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

---

[37] Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff et vs Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**) u Kost. **30.11.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**)

[38] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[39]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi nkiteb minn awturi awtorevoli li "*Article 1 protects 'peaceful enjoyment'. That implies that this provision may also have been violated when a person has not been affected as to his property or possessions per se, but is not accorded an opportunity to use that property, for instance because a necessary permit is refused to him, or because in some other way such restrictions ensue from the legislation or from government measures to the extent that there is no longer any question of a 'peaceful possession'*"[40]

Illi mill-provi li tressqu, dak li wassal lil Enemalta biex taqta' l-provvista tal-elettriku tal-*garage* tar-rikorrenti kien il-fatt li, minn ġo dak il-*garage* inħarġet fergħa biex tipprovdi l-elettriku ġo remissa oħra qrib. Dan il-fatt Enemalta saret taf bih minħabba lmenti li ressaq xiħadd li l-fergħa kienet għaddejja minn fuq ambjent li huwa tiegħu. Ħareġ ċar ukoll li l-fergħa saret minn *electrician* imqabbad mir-rikorrenti[41]. L-istess provi juru li funzjonarji tal-Enemalta wissew lir-rikorrent biex ineħħi l-fergħa u li, fin-nuqqas, il-provvista kienet tinqata'. Ir-rikorrenti jmieru l-allegazzjoni tat-terz li ressaq ir-rapport, jisħqu li l-fergħa u ż-żewġ remissi jinsabu fi ħwejjiġhom. Enemalta tqis ukoll li, ladarba fil-post hemm aktar minn *meter* wieħed u hemm ukoll dawl li jintuża biex jixgħel it-toroq, dak l-imkien m'huwiex post privat imma post pubbliku. Fuq kollox, l-

[39] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) , § 61

[40] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 17.3.2, f'paġġ. 872 – 3

[41] Affidavit tar-rikorrent Nicholas Spiteri, f'paġ. 88 tal-proċess

Enemalta tqis li dak li wassalha biex taġixxi u taqta' l-provvista kien stat "illegali" maħluq mir-rikorrenti. Hija tgħid li nqdiet bis-setgħa mogħtija lilha bir-regolament 32 tar-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku[42]. Ir-rikorrenti jgħidu li l-Enemalta ħaddmet ħażin l-imsemmi regolament u ma qisitx sewwa l-eċċezzjonijiet li jissemmew fih u li ma kienu jwasslu qatt biex il-fergħa mgħoddija kienet titqies bħala abbużiva;

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tibdel il-konsiderazzjonijiet tagħha f'din il-kawża fi stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv. Tħoss li għandha tiffoka biss fuq l-aspetti ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali li r-rikorrenti ġabulha quddiemha. B'żieda ma' dak li ssemma qabel, għandu jingħad li meta qorti tiġi biex tqis jekk kemm-il darba kienx hemm indħil fit-tgawdija tal-possedimenti tal-persuna, jrid jitqies ukoll l-element tal-proporzjonalita' tal-istess egħmil mal-interessi tal-persuna u l-ħarsien tal-jedd fundamentali tiegħu. Kemm hu hekk, dan tqies li jfisser li "*there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions*"[43];

Illi l-intimati donnhom jistqarru li l-qtugħ tal-provvista tal-elettriku tabilħaqq ġabet tnaqqis fil-mod kif ir-rikorrenti jistgħu jinqdew bi ħwejjiġhom, iżda jgħidu li bil-mezzi disponibbli llum il-ġurnata, l-provvista tal-elettriku tista' tinkiseb b'meżżi oħrajn li mhux tabilfors ikun dak provdut mill-Enemalta. F'kull każ, jekk kemm-il darba wieħed jasal biex jara fl-egħmil tal-Enemalta xi għamla ta' ndħil fit-tgawdija tal-ħaġa, dan l-indħil ma kienx wieħed dejjiemi u sata' jintemm minnufih jekk kemm-il darba r-rikorrenti jottemperaw irwieħhom mar-regolamenti fis-seħħ;

Illi l-Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju li l-qtugħ tal-provvista tal-elettriku min-naħa tal-Enemalta ġabet bidla fil-mod kif ir-rikorrenti, jew min minnhom, kienu jinqdew b'dik il-parti tal-post li kien jieħu d-dawl minn dik il-provvista. Kemm hu hekk, mill-provi ħareġ li dak il-post

[42] A.L. 233/1940 (L.S. 423.01)
[43] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak op. cit, § 17.4.2, f'paġ. 881

kien għal żmien jintuża għal attivita' kummerċjali li, mal-qtugħ tal-provvista, kellha titwaqqaf. Min-naħa l-oħra, mill-provi ħareġ li l-ewwel persuna li talab u kiseb is-servizz tad-dawl f'dik ir-remissa ma kien ħadd mir-rikorrenti, imma persuna barranija li kienet tinqeda bil-post. Meta dik il-persuna ħalliet il-post u r-rikorrent dawwar l-abbonament tal-*meter* fuq ismu, mbagħad żied il-fergħa biex iwassal il-provvista għal ġo remissa oħra fil-qrib bla ma avża lil Enemalta. Dan sar b'nuqqas ta' tħaris ta' dak li jipprovdi r-regolament 14 tar-Regolamenti fis-seħħ u li jagħti lil Enemalta l-jedd li taqta' s-servizz[44]. Ir-rikorrenti jisħqu li, ladarba dan sar fi ħwejjiġhom stess, ma kien hemm l-ebda ksur u ma kellhom jitolbu l-permess tal-ebda provditur;

Illi l-Qorti qiegħda tqis ukoll li mill-provi ħareġ ċar li qabel ma nqatgħet il-provvista, r-rikorrenti kienu mwissija x'kien hemm li l-Enemalta ma kenitx qiegħda tippermetti, u ħareġ ukoll li l-istess Enemalta tat lir-rikorrenti rimedji possibbli li, madankollu, baqgħu jwebbsu rashom u ma għamluhomx[45]. Meta r-rikorrent kien qiegħed jagħti x-xhieda tiegħu fil-kontro-eżami, qal saħansitra li kien se' jitlob huwa stess li titneħħa s-sistema tal-elettriku li ma nqatgħetx[46]. L-għaref difensur tar-rikorrenti, waqt it-trattazzjoni tal-każ, saħaq li l-klijenti tiegħu ma kinux mgħarrfin formalment bid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti qabel ma nqatgħet il-provvista. Dan ma jġibx ksur tal-jeddijiet tagħhom, għaliex dak li mxiet fuqu l-Enemalta huma provvedimenti ta' liġi li, huwa meqjus, huma magħrufa u n-nuqqas ta' għarfien tagħhom m'huwiex ġustifikazzjoni biex ma jitħarsux;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li jekk sar xi ndħil fil-mod kif ir-rikorrenti setgħu jgawdu ħwejjiġhom, dan seħħ fil-qafas ta' dispożizzjonijiet ta' liġi u biex jinżamm il-ħarsien tar-rekwiżiti stabiliti għall-għoti ta' servizz u li l-miżuri meħuda kienu jwieżnu dawn il-ħtiġijiet mal-jeddijiet tar-rikorrenti;

---

[44] Ara reg 30 tal-A.L. 233 tal-1940 kif emendat
[45] Xhieda ta' Ġorġ Portelli 27.10.2011, f'paġ. 131 tal-proċess
[46] Xhieda tiegħu 19.4.2012, f'paġ. 190 tal-proċess

Illi fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur u la tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u għalhekk, safejn it-talbiet tagħhom jinbnew fuq dawn id-dispożizzjonijiet, m’humiex sejrin jintlaqgħu;

Illi dwar il-<u>jedd għall-ħarsien tal-intimita’ tad-dar jew ta’ ġid ieħor</u> l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li “*Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew b’dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tiftix fuq il-persuna tiegħu jew proprjeta’ tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu*”. Madankollu, l-artikolu 38(2) jipprovdi wkoll li “*Ebda ħaġa li hemm fi jew li hija magħmula skond l-awtorita’ ta’ xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma’ jew bi ksur ta’ dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment - ... (ċ) li jawtoriżża dipartiment tal-Gvern ta’ Malta, jew awtorita’ tal-gvern lokali, jew għaqda korporata mwaqqfa b’liġi għal skop pubbliku, li jidħol fil-post ta’ xi persuna biex jispezzjona dak il-post jew xi ħaġa li jkun hemm fih għall-fini ta’ xi taxxa, rata jew drittijiet jew sabiex jagħmel xogħol li għandu x’jaqsam ma’ xi proprjeta’ jew xi installazzjoni li tkun legalment f’dak il-post u li tkun ta’ dak il-Gvern, dik l-awtorita’ jew dik l-għaqda korporata, skond il-każ ... u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skond il-każ, il-ħaġa magħmula skond l-awtorita’ tiegħu, hija murija li ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f’soċjeta’ demokratika*”;

Illi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jrid li kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta’ daru u tal-korrispondenza tiegħu. Iżid jgħid, iżda, li m’għandux ikun hemm indħil minn awtorita’ pubblika dwar l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f’soċjeta’ demokratika fl-interessi tas-sigurta’ nazzjonali, sigurta’ pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ ħaddieħor;

Illi biex indħil bħal dak ikun “skond il-liġi”, jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta’ xi liġi li tkun fis-seħħ, imma

wkoll li t-twettiq ta' kull għamil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru[47];

Illi, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjeta' demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq[48] u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt[49]. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan tfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet[50], bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet;

Illi l-Qorti, b'żieda mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-intimati f'dan ir-rigward[51], tqis li xejn minn dak li wettqet l-Enemalta ma jista' jitqies li laqat il-jedd tar-rikorrenti għall-privatezza ta' darhom. Il-qtugħ tal-provvista ma kienx jolqot il-parti fejn jgħixu (jew min minnhom kien jgħix hemm). L-istħarriġ u l-operazzjoni tal-qtugħ tal-provvista tal-elettriku għar-remissa ma sarx fuq ġewwa imma barra fil-beraħ. Ma ntmess xejn minn ġod-dar tar-rikorrenti biex il-provvista nqatgħet, għaliex kulma sar kien li nqatgħu l-konnessjonijiet mal-linji ta' barra mis-*service box* li kienet imwaħħla ma' arblu tad-dawl. Fuq kollox, il-jedd ta' spezzjoni mqar fi djar privati huwa setgħa mogħtija lill-Enemalta bil-liġi[52] fiċ-ċirkostanzi hemm maħsuba. F'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti terġa' tirreferi għad-dispożizzjoni relattiva tal-artikolu 38(2) tal-Kostituzzjoni;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur u la tal-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni,

---

[47] Q.E.D.B. **24,3.1988** fil-każ ***Olsson vs Svezja (Nru. 1)*** (Applik. Nru. 10465/83) § 62
[48] Q.E.D.B. **24.11.1986** fil-każ ***Gillow vs Renju Unit*** (Applik.Nru. 9063/80) §55
[49] Q.E.D.B. **26.3.1987** fil-każ ***Leander vs Svezja*** (Applik. Nru. 9248/81) §58
[50] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.* f'paġ. 321
[51] §§ 106 – 9 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet, f'paġ. 229 tal-proċess
[52] Ara reg. 83 tal-A.L. 233/1940 (L.S. 423.01)

u għalhekk, safejn it-talbiet tagħhom jinbnew fuq dawn id-dispożizzjonijiet, m'humiex sejrin jintlaqgħu;

Illi dwar il-jedd għal smigħ xieraq r-rikorrenti jgħidu li l-ksur seħħ għaliex, qabel ma Enemalta għaddiet biex qatgħet il-provvista tal-elettriku għal ħwejjiġhom, ma ngħatalhomx pre-avviż formali u, wisq anqas, smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali biex jaqtagħha jekk kienx hemm tassew ksur jew stat ta' illegalita' min-naħa tagħhom fl-użu li kienu qegħdin jagħmlu mis-servizz provdut lilhom mill-istess Korporazzjoni. Huma jibnu l-ilment tagħhom kemm fuq l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;

Illi fil-parti rilevanti tiegħu, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "*Kull qorti jew awtorita' oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita' oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*";

Illi biex jingħad li jkun hemm ksur ta' jedd għal smigħ xieraq jeħtieġ, qabel kull ħaġ'oħra, li jkun hemm proċeduri "għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili" li mingħajrhom ma jitnissilx il-ħarsien tad-dispożizzjonijiet relativi tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni. Il-Qorti taqbel mal-intimati li l-kwestjoni li qamet bejn ir-rikorrenti u l-Enemalta m'hijiex sewwasew waħda li tirrigwarda drittijiet jew obbligi ċivili kif mifhuma f'dan il-qasam ta' jeddijiet fundamentali, iżda kwestjoni amministrativa li wasslet għal egħmil imwettaq minn enti pubbliku, imma mhux minn tribunal jew qorti. F'dan il-każ, l-Enemalta ħadet il-passi li dehrilha minn rajha u bla ma ħadet xi awtoriżżazzjoni minn xi korp b'setgħat jew funzjonijiet "ġudizzjarji", u għalhekk qajla jista' jingħad li,

sa dak il-ħin, daħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi jekk, min-naħa l-oħra, l-ilment tar-rikorrenti kien fis-sens li ma ngħatawx rimedju biex il-kwestjoni tinqata' quddiem qorti imparzjali u indipendenti qabel ma nqatgħet il-provvista tal-elettriku, din il-Qorti tosserva li żgur ma jistax jingħad li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba nuqqas ta' aċċess għal qorti jew tribunal. Ir-rikorrenti kienu ngħataw pre-avviż u twissija minn xhur qabel biex jirrimedjaw il-qagħda li l-Enemalta ma kenitx kuntenta biha, kif ukoll tal-konsegwenzi f'każ li jibqa' ma jitneħħiex dak l-istat. Minbarra dan, tul dan iż-żmien kollu, ma ntweriex li r-rikorrenti irrikorrew għal proċeduri kawtelatorji quddiem il-Qrati li b'kull ħeffa kienu disponibbli għalihom jekk kemm-il darba kienu jħossu li d-deċiżjoni u s-sanzjonijiet mhedda mill-Enemalta ma kenux skond il-liġi u l-ħaqq. Kien hemm rimedji ġudizzjarji oħrajn ukoll li r-rikorrenti setgħu ħadu, iżda għar-raġuni tagħhom ma rrikorrewx għalihom u sentejn wara l-ġrajja fetħu din il-kawża. Il-Qorti ma tistax toqgħod fuq ix-xhieda tar-rikorrent Nicholas Spiteri li jgħid li "xiħadd" fit-Taqsima tal-konsumaturi tal-Enemalta kien serraħlu moħħu li sakemm ma jirċevix xi ħaġa bil-miktub, ma kellux iħabbel rasu dwar xi miżuri li l-korporazzjoni setgħet tieħu. Hemm provi li wieħed iżjed jista' aktar joqgħod fuqhom li jmieru dak li xehed ir-rikorrent;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur u la tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, u għalhekk, safejn it-talbiet tagħhom jinbnew fuq dawn id-dispożizzjonijiet, m'humiex sejrin jintlaqgħu;

Illi, fl-aħħarnett, dwar il-jedd li persuna ma ġġarrabx egħmil diskriminatorju bi ħsara għaliha din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tidħol f'eżami mirqum tad-dispożizzjonijiet li jinvokaw ir-rikorrenti – jiġifieri l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex ir-rikorrenti ma ġabu l-anqas l-iċken ħjiel ta' prova dwar l-allegazzjoni tagħhom li l-Enemalta mxiet magħhom b'diskriminazzjoni, jew b'mod li

mxiet mod ieħor ma' ħaddieħor fl-istess qagħda tagħhom. Minbarra dan, lanqas biss taw ħjiel dwar liema waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45(3) huma jqisu li saret magħhom l-allegata diskriminazzjoni;

Illi l-Kostituzzjoni tgħid li l-ebda liġi m'għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha[53]. Daqstant ieħor tgħid li ħadd m'għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita' pubblika[54]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[55];

Illi llum il-ġurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixxiebah magħha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalita' bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[56];

Illi fir-rigward tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dan jitlob li (i) lment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi[57] u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-

---

[53] Art 45(1)
[54] Art. 45(2)
[55] Art. 45(3)
[56] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-**25.4.2005**)
[57] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, §33.5.8, f'paġ. 1050

Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[58]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[59];

Illi meta jitqiesu dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u jqegħidhom fil-qafas tal-provi mressqa mir-rikorrenti, wieħed malajr jasal għall-fehma li l-ilment tagħhom dwar imġiba diskriminatorja fil-konfront tagħhom m'huwiex imsejjes u pruvat. Għalhekk ukoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur ta' jedd fundamentali taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jmissha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat Ġenerali u ssib li ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u b'hekk teħilsu milli joqgħod fil-kawża, bi spejjeż għar-rikorrenti;

**Tiċħad l-ewwel talba** tar-rikorrenti billi ma ntweriex li, bil-qtugħ tal-provvista tal-elettriku fil-fond tar-rikorrenti, huma ġarrbu ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali msemmija minnhom fir-rikors promotur u billi ntwera li l-imsemmi qtugħ sar b'ħarsien ta' dak li titlob il-liġi;

**Tiċħad it-tieni talba** tar-rikorrenti billi din hija konsegwenzjali għall-ewwel talba u billi ma hemmx direttivi li l-Qorti tista' tagħti fil-qagħda attwali; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**, ħlief għal dawk marbuta mas-sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju,

---

[58]Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.) § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.) § 177

[59] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit*, paġġ. 465 – 6

2009, li għandhom jitħallsu skond kif jingħad f'dik is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------